**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 48**

**Avviz Nru: 842/01AE**

**Lawrence Camenzuli**

**vs**

**Antonio Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attu talab il-hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm500.85) danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh gewwa l-Kappara fil-15 ta' Novembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru DAC 223 habat mal-mutur bin-numru CBG

363 propjeta ta' l-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fil-15 ta' Novembru 2000 sehh incident tat-traffiku gewwa Sliema Road.

2. L-attur kien qieghed isuq mutur bin-numru CBG 363 u kien qieghed isuq fid-direzzjoni ta' San Gwann. Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru DAC 223 u kien hiereg mid-drive in tad-dar numru 15, Sliema Road.

3. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet u kif tnizzlu fl-okkorrenza tal-pulizija (fol. 27) huma s-segwenti:

- **L-attur**: *"As I was overtaking the car in front of* ***me which was stationed*** *was hit by car no. DAC 223 which emerged from drive in".*

- **Il-konvenut**: *"As I was emerging from the drive in of my house, car no CAF 123 driven by Laurence Sammut ID 324970 which was coming up hill on my right stopped and gave me way. As I emerged bike no CBG 363 over took the car that gave me way when the collision occurred".*

Waqt li l-konvenut ikkonferma din il-verzjoni fil-kors tax-xhieda li ta quddiem it-Tribunal, fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal l-attur biddel il-verzjoni (seduta tat-8 ta' Jannar 2002). Huwa xehed li waqt li kien qieghed jaghmel il-manuvra ta' sorpass il-vettura ta' quddiemu ***"kienet mixja bil-mod"*** (fol. 35). Meta rega' xehed fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2002, rega' biddel il-verzjoni u ddikjara ***"li l-vetturi ta' quddiemu kienu mexjin hlief ghal dik ta' Lawrence Sammut li kienet wieqfa"*** (ara verbal a fol. 44).

4. Min-naha tieghu, il-pulizija li nvestiga l-kaz iddikjara li mill-indagni li ghamel irrizulta li l-vettura li l-attur ried jaqbez, kienet waqfet sabiex iccedi lill-vettura misjuqa mill-konvenut. Huwa ddikjara li: *"Lawrence Sammut (is-sewwieq tal-vettura li fuqha ghamel il-manuvra ta' sorpass l-attur) ikkonfermali li*

*kien tiela' it-telgha u kif ra l-konvenut hiereg mid-drive-in ghamillu s-sinjal biex ikun jista' johrog, waqqaf u il-konvenut hareg. Semmili pero wkoll illi fil-hin li waqaf biex ceda lill-konvenut qalghu mutur"* (fol. 41). Fl-okkorrenza nsibu wkoll il-verzjoni moghtija minn dan is-sewwieq lill-pulizija: *"As I was going up Sliema road behind a slow flow of traffic I gave way to car No DAC 223 to emerge from a drive in. At that time motor cycle CBG363 overtook me and hit the car that was coming out of the drive in"* (fol. 28).

5. Skond ir-regolamenti tal-Kodici tat-Traffiku:

- 181 - *"Qatt taqla' vettura ohra qabel MA TKUN CERT li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor. Oqghod attent specjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm ic-cpar, ghax huwa difficli hafna li tikkalkula l-velocita' jew id-distanza"*.

- 184 - *TAQLAX VETTURI OĦRA meta tkun qed tavviċina:*

- *post ta' qsim ghall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- *triq li taghqad m'ohra;*
- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quccata ta' gholja;*

- *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerga' joghla f'daqqa.*

- 185 – *TAQLAX VETTURI OHRA:*

- *fejn it-triq tidjieq;*
- *meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocita';*
- *meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u fejn il-vizibilita' ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu;*
- *meta jkun hemm* ***hafna vetturi wara xulxin quddiemek*** *jew xi vettura li hi stess tkun diga' qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz dak il-hin.*

6. Min-naha l-ohra, huwa risaput li sewwieq li jkun hiereg ghal fuq *main road* ghandu l-obbligu li qabel jaqsam it-triq principali jesplora t-triq li jkun diehel fiha u ma jaqsamx sakemm ma jkunx jista' jaghmel hekk bl-ikbar sikurezza u liberta. Gie stabbilit ukoll, li s-sinjali li jaghti persuna lill-iehor ma jassolvux lid-driver mid-dover tieghu li joqghod attent ghall-utenti tat-triq l-ohra (ara App. Krim. **Pulizija vs J. Busuttil** deciza fid-29 ta' Novembru 1958).

7. Mill-provi rrizulta inekwivokabilment li s-sewwieq tal-vettura li kienet qeghda tinstaq quddiem il-mutur CBG 363,

waqaf sabiex icedi lill-konvenut. Jirrizulta li f'dik il-parti tat-triq it-traffiku kien miexi bil-mod.

8. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt fih innifsu li sewwieq ceda lil sewwieq iehor ma jassolvihx mill-obbligu generali li joqghod attent il-hin kollu. Il-konvenut ma setax jistrieh fuq il-precedenza li nghatat lilu minn sewwieq iehor, u kellu obbligu li jibqa' jzomm *'a proper lookout'* sakemm jiehu postu fit-triq. Kieku l-konvenut baqa' hiereg bil-mod, igifieri *inching out*, kien jinduna bl-attur mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident. L-avukat difensur tal-konvenut ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Martin Azzopardi et vs Anthony Ciappara** (Citaz. Nru: 426/00AJM) deciza fit-8 ta' Jannar 2001. F'dik il-kawza kien hemm is-segwenti cirkostanzi li kienu determinati:

(a) Il-manuvra ta' sorpass saret fin-naha hazina tat-triq. Fil-kaz taghna gie kkonfermat mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz li l-mutur ma kienx qieghed jinstaq *wrong side*.

(b) Il-vettura li waqfet biex iccedi lil traffiku li kien hiereg minn triq sekondarja, kienet xarabank. Il-Qorti rrimarkat li dan il-fattur kien naqqas il-vizwali ghall-vetturi gejjin minn wara x-xarabank

9. Min-naha tieghu l-attur kellu wkoll l-obbligu li joqghod attent. Jidher li ghalkemm l-attur ra l-vettura ta' quddiemu wieqfa, dan xorta ghazel li jaghmel manuvra ta' sorpass. F'kaz Ingliz (**Moody vs. Powell**- 10 ta' Marzu 1966) inghad: *"any vehicle which jumped a queue of stationary vehicles was undertaking an operation fraught with great hazard and which had to be carried out with great care. There was always difficulty in such circumstances of seeing what was happening especially traffic emerging from gaps".* It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur kkontribwixxa wkoll ghall-incident de quo. Huwa ghamel manuvra f'mument mhux opportun meta ma kienx attent ghall-vetturi ohra li kien hemm fit-triq. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **John Gauci Maistre vs Colin Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1994: *"keeping a proper look-out means more than looking straight ahead; it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity".* Id-dritt ta' precedenza li ghandu sewwieq fi triq principali mhuwiex illimitat. Ma jistax jaghmel li jrid, jaghlaq ghajnejh, u jiddisinteressa ruhu minn dak li jista' jigri u jezimi ruhu minn kull regola ta' prudenza ordinarja.

10. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa kienu ugwalment responsabbli ghall-incident fi kwoti ndaqs.

11. Dwar id-danni reklamati, il-konvenut ikkontesta biss is-somma ta’ mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145) valur tal-mobile Ericsson li nkiser meta l-attur waqa’ minn fuq il-mutur. It-Tribunal qieghed jistabilixxi s-somma ta’ tmenin lira Maltija (Lm80) bhala l-valur li hallas l-attur sabiex xtara telefon iehor (fol. 36).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li l-partijiet huma ugwalment responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Sliema Road fil-15 ta’ Novembru 2000, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u zewg liri Maltin u tnejn u disghajn lira Maltija (Lm202.92), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**